**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Awwissu, 2017**

**Rikors Revoka Nru: 451/2017 AF**

**St. George Edition Limited (C-40902)**

**vs**

**Apassionata World GmbH debitament rapprezentanta hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Apassionata World GmbH kif rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri, li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tordna u thassar r-revoka *contrario imperio* tal-mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) numru 661/17 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li s-socjetà intimata sekwestranti thallas dawk il-penali li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti li timponi ai termini tal-Artikolu 836(8)(b), (c) u/jew (d) tal-Kap. 12

tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll id-danni li jirrizultaw li gew sofferti mis-socjetà esponenti kagun tal-mandat ta' sekwestru odjern ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kap. 12, u dan bla hsara ghal kwalunkwe proceduri ohra li tista' tiehu s-socjetà esponenti sabiex tirkupra d-danni sofferti minnha kagun tal-mandat ta' sekwestru odjern li gie mahrug fuq talba tas-socjetà initmata sekwestranti; u

3. Fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba hawn fuq maghmula, tordna lis-socjetà intimata sekwestranti tiddepozita fir-Registru tal-Qorti entro terminu prefiss minnha ammont ekwivalenti ghall-ammont mitlub mis-socjetà intimata sekwestranti fuq il-mandat ta' sekwestru *de quo*, jew ammont iehor li jidhrilha xieraq li tordna din l-Onorabbi Qorti, sabiex taghmel tajjeb ghall-penali, danni u interessi, u fin-nuqqas li jsir tali depozitu, tordna t-thassir u r-revoka ta' dan il-mandat ta' sekwestru, u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata sekwestranti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' St. George Edition Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, s-socjetà Apassoniata qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn St. George Edition sabiex din tal-ahhar tqiegհed fis-sod pretensjoni li ghandha ghall-hlas ta' *"royalties" u "merchandising fees"*.

Il-Qorti tinnota illi bejn il-partijiet hemm pendenti diversi proceduri legali dwar pretensjonijiet reciproci. Illum stess din il-Qorti kellha okkazjoni tippronunzja ruhha dwar talba simili ghalkemm mhux identika ghal dik odjerna. Il-Qorti taghmel pjena referenza ghad-decizjoni moghtija minnha llum stess fil-

proceduri 450/2017, u l-konsiderazzjonijiet kollha minnha maghmula f'dawk il-proceduri u senjatament ghal konsiderazzjonijiet taghha dwar l-Art. 836(1)(b) u (1)(d) li fuqhom fost ohrajn, kienu msejjsa t-talbiet f'dawk il-proceduri.

F'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qeghda tistrieh ukoll fuq il-provvediment tal-Art. 836(1)(c) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta l-Qorti ssib:

> *"li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi s-socjetà Apassoniata ddepozitat taht l-awtorità tal-Qorti s-somma li hija qeghda ssostni hija dovuta lil St. George's Limited. Mandanakollu l-Qorti tinnota illi l-ammont pretiz u kawtelat huwa ferm akbar u ghalhekk tqis illi s-socjetà Apassoniata m'ghandhiex ragun titlob li jithassar il-mandat fil-konfront taghha minhabba d-depoziti effettwati.

Ghar-rigward tat-talbiet l-ohra il-Qorti terga taghmel pjena referenza ghad-digriet taghha moghti llum stess fil-proceduri 450/17.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' r-risposta ta' St. George Edition Limited u tichad it-talbiet kollha ta' Apassoniata World GmbH.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF